C/2024/5180

21.8.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11677 — MIDEUROPA PARTNERS / FAMAR)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5180)

1. Fit-8 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— MidEuropa V Management Limited ("MidEuropa Partners", Guernsey),

— MPILO S.à r.l. ("MPILO", il-Lussemburgu), il-kumpanija holding tal-Grupp Famar.

MidEuropa Partners se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' MPILO kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— MidEuropa Partners hija investitur ta' ekwità privata li jiffoka fuq in-negozji fis-setturi: konsumaturi, kura tas-saħħa, servizzi u teknoloġija,

— MPILO hija l-kumpanija holding tal-grupp ta' kumpaniji Famar ("Famar Group"), li huma attivi fis-suq tal-iżvilupp u tal-manifattura tal-kuntratti farmaċewtiċi. Il-Grupp Famar jipprovdi servizzi ta' żvilupp u manifattura lill-industrija farmaċewtika fir-rigward ta' diversi mediċini u molekuli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha tiġi speċifikata dejjem:

M.11677 — MIDEUROPA PARTNERS / FAMAR

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.